**Ruling mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 306 tat-3 ta' Frar 2025 dwar talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni għall-aġġornament tal-Kamra taħt l-Ordni Permanenti 13**

Is-Sedja kkonsidrat it-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, sabiex il-Kamra tissospendi x-xogħol tagħha skont l-Ordni Permanenti 13 ħalli tiddiskuti l-materja msemmija fid-dikjarazzjoni ppreżentata mill-Onorevoli Membru u nikkwota:

"Sur President,

Qed inressaq talba skont l-Ordni Permanenti 13 sabiex il-Kamra taġġorna biex tiddiskuti ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti.

Il-ħaġa definita li qed nitlob li l-Kamra taġġorna biex tiddiskuti hija l-konklużjoni u r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman fir-rapport tiegħu datat 31 ta' Jannar 2025 intitolat: "Own Initiative Investigation into possible systematic maladminstration within the Corradino Correctional Facility" - fejn wara li sema' x-xhieda u ġabar il-fatti, l-Ombudsman wasal għall-konklużjoni ċara u inekwivoka illi ġewwa l-ħabs fil-perjodu ta' bejn Lulju 2018 u Diċembru 2021 kien hemm azzjonijiet sistematiċi ta' amministrazzjoni ħażina;

Illi dawn l-azzjonijiet sistematiċi ta' amministrazzjoni ħażina fil-ħabs wasslu għall-ksur ta' drittijiet fundamentali ta' persuni li qegħdin jinżammu jew li qed jiskontaw sentenzi ġudizzjarji ġewwa l-ħabs ta' Kordin, wasslu għal ksur ta' regolamenti dwar l-amministrazzjoni tal-ħabs, u saħansitra - b'mod xokkanti għall-aħħar - l-Ombudsman sab li huwa moralment konvint illi hemm korrelazzjoni bejn din l-amministrazzjoni ħażina u n-numru ta' mwiet u/jew suwiċidji ġewwa l-ħabs f'dan il-perjodu.

Illi għal dan l-aġir tat-tmexxija tal-ħabs mill-Kurunell Alex Dalli, kien hemm Ministru tal-Gvern li għalih hu politikament responsabbli - u li dejjem iddefenda u appoġġja lill-istess Dalli: dan huwa l-Ministru għall-Intern, Sigurtà u Xogħol l-Onor. Byron Camilleri.

Illi mhux biss li ddefendih, talli fl-2022, il-Kurunell Alex Dalli beda jingħata paga ta' €103,000 fis-sena bħala rappreżentant tal-Istat Malti fil-Libja - u wara dan kollu, wara li ħareġ dan l-istess rapport ta' kundanna mill-Ombudsman, l-istess Onor. Byron Camilleri reġa' kkonferma u tah il-fiduċja assoluta f'kumment lill-ġurnalisti.

Din hija kwistjoni ta' importanza pubblika urġenti - kif spjegaha tant tajjeb l-Ombudsman:

*"The Commission is of the view that in a state governed by the Rule of Law, the end can never justify means which are in breach of positive law and which violate human dignity.*
...
*From the evidence heard and received by the Commission it is clear that in the peiriod under examination there was systemat maladministration at Corradino Correctional Facility under all the heads contemplated in Article 22(1) and (2) of Cap. 385, with the exception of the head contemplated in paragraph (c) sub-article (1) of said Article 2."*

Għalhekk qed inressaq din il-mozzjoni skont l-Ordni Permanenti 13 għall-Aġġornament tal-Kamra sabiex tiddiskuti din il-ħaġa definita ta' importanza pubblika urġenti kif għadni kif spjegajt."

Sur President, qed ngħaddilek din id-dikjarazzjoni miktuba dwar is-suġġett li għandu jiġi diskuss skont kif għadni kif stqarrejt."

Fil-kunsiderazzjoni tagħha s-Sedja rreferiet ukoll għall-intervent li għamlu l-istess Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll il-Whip tal-Gvern l-Onor. Naomi Cachia.

Is-Sedja tirrileva li kull meta ġiet trattata talba taħt dan l-Ordni Permanenti, dejjem rat jekk tali talba tissodisfax tliet rekwiżiti u ċjoè jekk il-materja hijiex materja definita, ta' importanza pubblika u urġenti.

Filwaqt li tagħraf, kif diġà ngħad fil-Kamra li l-materja hija definita u bla dubju ta' importanza pubblika, jeħtieġ li s-Sedja tkun sodisfatta dwar il-kweżit tal-urġenza. Irid jiġi nnotat mill-ewwel li l-element tal-urġenza huwa fundamentali għall-konsiderazzjoni tas-Sedja sabiex tasal għal deċiżjoni dwar jekk għandhiex tilqa' din it-talba li qed issirilha taħt l-Ordni Permanenti 13.

Kif diġà ġie dikjarat minn din is-Sedja u minn diversi Speakers, meta tiġi biex tikkkonsidra dan l-element ta' urġenza, hija mhux biss tara jekk il-materja nnifisha hijiex urġenti iżda wkoll jekk din tkunx tant mgħaġġla li l-Kamra jkollha tissospendi x-xogħol tagħha minnufih sabiex tiddibatti tali materja għaliex inkella jkun tard wisq jekk id-dibattitu jsir fi stadju ulterjuri.

Is-Sedja rat l-14-il rakkomandazzjoni kontenuti fir-rapport ċitat mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni u tinnota illi dan ir-rapport li sar fuq inizjattiva tal-Ombudsman għadu kif ġie ppubblikat, u tinnota wkoll li f'dan l-istadju bikri jidher li l-awtoritajiet ikkonċernati għadhom ma tawx ir-reazzjonijiet tagħhom għalih.

Is-Sedja tirrileva illi Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman jispjega l-proċedura li tapplika wara li l-istess Ombudsman ikun ikkonkluda xi investigazzjoni, u nikkwota:

> "(4) Jekk fi żmien raġonevoli wara li jsir ir-rapport ma tittieħed ebda azzjoni li l-Ombudsman ikun tal-fehma li tkun waħda adegwata u xierqa, l-Ombudsman jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, wara li jikkonsidra l-kummenti (jekk ikun hemm) magħmulin minn jew f'isem xi dipartiment, organizzazzjoni jew kunsill lokali involuti, jibgħat kopja tar-rapport u tar-rakkomandazzjonijiet lill-Prim Ministru, u jista' wara dan jagħmel dak ir-rapport lill-Kamra tad-Deputati li jidhirlu li jkun xieraq."

Ikun biss f'dan l-istadju, li l-Kamra tiġi informata bir-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman anke skont l-istess Artikolu ċitat.

Is-Sedja tinnota wkoll illi r-rapport stess, anke kif ċitat mill-Onor. Kap tal-Oppożizzjoni jitkellem dwar "systemic maladmonistration within the Corradino Correctional Facility in the months leading to November 2021.", u allura mhix is-sitwazzjoni preżenti.

Għaldaqstant is-Sedja ma tarax li l-element ta' urġenza, kif definit aktar qabel u b'mod kostanti f'rulings preċedenti, jirriżulta f'dan l-istadju u għalhekk mhix qed tilqa' t-talba tal-Kap tal-Oppożizzjoni biex il-Kamra llum tissospendi x-xogħol tagħha biex tittratta l-kwestjoni mqajma fid-dikjarazzjoni li ġiet mgħoddija lis-Sedja.

Is-Sedja madankollu tħeġġeġ lill-Awtoritajiet ikkonċernati biex fi żmien raġonevoli jindirizzaw l-14-il rakkomandazzjonijiet indikati fir-rapport tal-Ombudsman. Jekk ikun il-każ li l-Ombudsman iħoss hu stess li dawn ma ġewx indirizzati, allura jirreferi l-materja lill-Parlament skont il-proċedura kif spjegata fl-artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman.

Is-Sedja qiegħda tieħu din l-opportunità sabiex tħeġġeġ liż-żewġ naħat tal-Kamra jiddiskutu u jaqblu, kif issuġġeriet is-Sedja diversi drabi, dwar proċedura sabiex ir-rapporti li jiġu referuti lis-Sedja skont l-Att dwar l-Ombudsman jiġu diskussi fil-Parlament.

Ir-ruling huwa deċiż.